MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 325/2012

**Elmo Insurance Limited [C-3500] kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Darren Schembri u l-istess Darren Schembri [ID Nru. 111585M]**

**Vs**

**Jean Paul Grech [ID. Nru. 551885M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-25 ta' April, 2012** u li permezz taghha talbu lill-intimat jhallashom is-somma ta' elfejn mija hamsa u ghoxrin euro u sitta u hamsin ċenteżmu ta' euro [€2,125.56c] u dan wara li ppremettew hekk:

"Is-somma ta' elfejn mija hamsa u ghoxrin ewro sitta u hamsin ċenteżmu [€2,125.56c] mitluba b'dan l-avviz tirrappreżenta d-danni kollha sofferti mill-attur Darren Schembri, assigurat tas-socjeta Elmo Insurance Limited, u li ghalihom ghamlu tajjeb, in kwantu ghall-ammont ta'

elfejn tnejn u tmenin ewro sitta u hamsin ċenteżmu [€2,082.56] is-socjeta attriċi Elmo Insurance Limited, u in kwantu ghall-ammont ta' tlieta u erbghin ewro [€43] l-istess Darren Schembri, bhala riżultat ta' inċident awtomobilistiku illi sehh fi Triq il-Mithna, Qormi fl-1 ta' Gunju 2011 [Dok. A] meta li l-konvenut Jean Paul Grech kien riekeb serkin miġbud minn żiemel, li kien fil-kustodja u taht id-direzzjoni tieghu, hareg minn fuq sinjal tal-give way u habat mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBP-406, proprjetà tal-attur Darren Schembri u misjuqa minnu.

Ghaldaqstant, il-konvenut Jean Paul Grech kien unikament responsabbli ghall-imsemmi inċident u konsegwenzjali danni bhala riżultat ta' negliġenza u traskuraġni, imperizja.

Bl-ispejjes, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-13 ta' Settembru 2011 u bl-imghax legali b'effett mit-13 ta' Settembru 2011 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut, li huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fl-1 ta' Gunju, 2012 u li permezz taghha huwa wieġeb hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut mhux responsabbli ghal inċident mertu tal-kaz.

Bla preġudizzju ghas-suespost l-ammont reklamat ma jirriflettiex id-danni subiti fuq il-vettura tal-attur.

Fit-tielet lok l-attur ghandu jġib prova tad-danni subiti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal datat 28 ta' Frar, 2013 fejn it-Tribunal ghamel referenza ghall-artikolu 774 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u stieden lill-partijiet sabiex jittrattaw il-kwistjoni tan-nuqqas o meno ta' ġurisdizzjoni tieghu li jiddeċiedi dan il-kaz.

Ra l-verbal tat-8 ta' April, 2013 u 6 ta' Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghad-decizjoni preliminari fuq il-punt imqanqal mit-Tribunal.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fid-9 ta' April, 2013;

Ikkunsidra;

1. L-ewwel u qabel kollox, it-Tribunal irid jiddeciedi jekk il-kaz in ezami jaqax taht il-gurisdizzjoni tieghu l-ghaliex jekk dan ma huwa l-kaz, huwa irid jiddikjara lilu nnifsu bhala mhux kompetenti li jiggudika l-materja taht ezami. Din l-eccezzjoni tista titqajjem marte proprio mit-Tribunal[1]. F'dan ir-rigward jinghad li fis-sistema guridika taghna *l-inkompetenza hi sollevabbli "ex officio" meta ghar-raguni ta' materja tal-kawza ma tkunx ta' kompetenza tat-tribunal adit*[2]*. Dan ghar-raguni illi l-kompetenza ratione materia hi ta' ordni pubbliku*[3] *u din allura lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet*[4].

2. B'hekk it-Tribunal huwa fid-dmir li *ex officio* jissolleva l-kwistjoni dwar il-gurisdizzjoni tieghu li jisma' u jiddetermina dan il-kaz, u ghalhekk ghandu jghaddi biex jaghti decizjoni fir-rigward.

---

[1] Ara artikolu 774 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

[2] **Emmanuele Vella v. Raffaela Barbara**, Appell Civili, 31 ta' Mejju 1957; **Patrick Grixti Soler v. Vincent Sultana**, Appell Civili, 27 ta' Marzu 1981).

[3] Vol. XXIX pII p468

[4] **Carmelo Degiorgio noe v. George Farrugia**, Appell Civili, 8 ta' Mejju 1981; **John Spiteri et v. Stephanie Spiteri pro et noe**, Appell Civili Nru. 23/99 deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Dicembru 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Ottubru 2003, **Sea Services Limited v. Paul Aquilina**, Citaz. Nru. 539/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2001 u **Joe Borg Olivier pro et noe v. Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Xoghol u Familja**, Rik. Nru. 79/11, sentenza parzjali moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fis-26 ta' Settembru 2011.

3. L-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387) jistipula hekk fir-raba skeda tieghu:

“Arbitraġġ Mandatorju

It-tilwimiet hawn iżjed ’l isfel imsemmija fit-Taqsima A għandhom jiġu determinati b’arbitraġġ u għandhom jittieħdu f’arbitraġġ taħt ir-regoli msemmija fit-Taqsima B b’żieda ma’ dawk ir-regoli li jistgħu jiġu maħruġa miċ-ċentru minn żmien għal żmien”.

4. Imbaghad insibu li l-paragrafu 1.2 tat-Taqsima A ta’ din l-iskeda jitkellem dwar tilwimiet dwar it-Traffiku ta’ vetturi bil-mutur.

“1.2 Tilwimiet dwar it-Traffiku ta’ Vetturi bil-Mutur

Kull tilwima ċivili jew kummerċjali, li ma tkunx waħda li jkollha x’taqsam ma’ talba għal danni għal ħsara fil-persuna, li tkun tilwima li toriġina minn:

(*a*) kolliżjoni bejn vetturi, jew

(*b*) ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew

(*ċ*) talba bħal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratriċi fuq il-ħajja, *underwriter* approvat mill- Ministru responsabbli għat-trasport jew persuna oħra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta’ Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta’ Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta’ assigurazzjoni, tista’ tkun responsabbli dwarha, u

(*d*) li l-valur tagħha ma jkunx jeċċedi l-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87c)”.

5. Dan ifisser li l-Qrati Ordinarji ghandhom il-kompetenza esklussiva dwar tilwim li jkollu x’jaqsam ma talba ghal danni ghal hsara fil-persuna. L-istess haġa ghall-tilwimiet li jkunu jeċċedu l-ammont ta’ €11,646.87c.

6. Il-kwistjoni u d-diffikulta li qeghda tinholoq u ghada ma ġietx risolta b'mod definittiv u awtorevoli sabiex jiġi mxejjen kull dubbju dwar liema huwa l-organu ġudizzjarju aditt mill-kompetenza hija dwar it-tip ta' kawżi l-ohra li talvolta jistghu jiġu ntavolati. Il-mistoqsija ovvja hija: Fejn ghandhom jiġu ntavolati dawn it-tip ta' kawżi. Quddiem il-Qrati Ordinarji jew inkellha quddiem ic-Centru Malti ghall-Arbitragg?

7. Il-ligi (Ir-Raba Skeda tal-Kap. 387) tghid li kull tilwima ċivili jew kummerċjali li tkun tilwima li toriġina minn

(*a*) kolliżjoni bejn vetturi, jew

(*b*) ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew

(*ċ*) talba bħal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratriċi fuq il-ħajja, *underwriter* approvat mill- Ministru responsabbli għat-trasport jew persuna oħra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u

(*d*) li l-valur tagħha ma jkunx jeċċedi l-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87c)

huma mhollija ghal gurisdizzjoni tac-Centru Malti ghall-Arbitragg.

8. It-Tribunal ghamel studju dwar is-sentenzi li inghataw sa issa fuq dan is-suggett u seta jara li hemm tlett sitwazzjonijiet li gew eżaminati. Dawn huma maqsumin hekk:

## A) Traffic Related Incidents

Dan huwa l-iktar kaz ovvju. Kull inċident li jsehh waqt li żewġ vetturi jkunu qeghdin jinstaqu u basta li l-valur jkun inqas minn €11,646.87c huwa kompetenti c-Centru Malti

ghall-Arbitragg. Hekk per eżempju, f'din il-kategorija nsibu s-segwenti sentenzi tal-Qrati taghna.

i. **Raymond Mifsud vs John Cauchi**[5] – Qorti tal-Magistrati (Malta) (CSH) deċiża fl-24 ta' April, 2013. Mhux appellata;

Il-Qrati Ordinarji, f'dawn il-kazijiet kollha ddeklinaw li jeżerċitaw il-gurisdizzjoni taghhom l-ghaliex dawn il-kawzi kienu jaqghu kollha fil-gurisdizzjoni tac-Centru Malti ghall-Arbitragg.

**B) <u>Non-Traffic Related Incidents/Ohrajn</u>**

i. **Fogg Insurance Agencies Limited vs Maurice Scifo Diamantino et**[6] – TTZ (KPS) deċiża fil-5 ta' Marzu, 2013. Dan kien kaz fejn l-intimati ma ghamlux *claim* skond il-Kap. 104 u s-socjeta rikorrenti pprocediet kontrihom talli kisru l-polza ta' l-assikurazzjoni. Sakemm ġiet deċiża din il-kawza mit-Tribunal ma kien hemm l-ebda deċiżjoni mill-Arbitragg dwar minn kien responsabbli ghall-incident de quo. Is-socjeta rikorrenti assumiet ir-responsabbilita ghall-akkadut u hallset lit-terz ghal-hsarat ikkawżati mill-assigurat taghha. It-Tribunal qal li biex jara jekk din il-polza inkisritx jew le, huwa bilfors ikollu jidhol dwar minn kien jahti ghal inċident li sehh bejn żewġ vetturi. It-Tribunal f'dan il-kaz iddeklina milli jiddeċiedi dan il-kaz l-ghaliex ma kellhux gurisdizzjoni. Mhux appellata.

**ii. GasanMamo Insurance Limited vs Alexander Jan Edward Van Reeven et**[7] - Prim' Awla (LFS) deciza 11 ta' Frar, 2013. F'dan il-kaz, diga kien hemm zewg decizjonijiet mic- Centru Malti ghall-Arbitragg fuq l-incident awtomobilistiku li sehh. Is-socjeta rikorrenti pprocediet kontra l-intimati fejn talbet lil Qorti sabiex tiddikjara li l-intimati kisru t-termini u obbligazzjonijiet tal-polza ta' l-assikurazzjoni. L-intimata qalet li hija diga kienet giet mehlusa mill-harsien tal-gudizzju u ghalhekk il-Qorti ma

[5] Avviz Nru. 14/2013
[6] Talba Nru. 888/2011
[7] Rik. Mah. Nru. 1174/2011

setatx tidhol f'din il-materja. Il-Prim' Awla irriteniet li hija kompetenti li tisma l-kaz minkejja.

iii. **Francesco Azzopardi vs Monica Gatt**[8] – TTZ (KM) deciza fl-14 ta' Frar, 2013. Dan kien kaz fejn vettura waqt li kienet qeghda tinstaq, intlaqtet minn żiemel. It-Tribunal qal li huwa kompetenti li jiddeċiedi dan il-kaz. Sentenza preliminari li mhux appellata[9].

iv. **GasanMamo Insurance Limited et vs Kunsill Lokali Qormi**[10] – TTZ (GB) deċiża 12 ta' Dicembru, 2012. Dan kien kaz fejn ir-rikorrenti fittex lill-Kunsill intimat ghad-danni ta' hsarat ikkaġunati fil-vettura tieghu konsegwenza ta' hofra li kien hemm fit-triq li taqa tah tir-responsabbilita tal-Kunsill intimat. It-Tribunal f'dan il-kaz iddeklina milli jiddeċiedi dan il-kaz l-ghaliex ma kellhux gurisdizzjoni. Mhux appellata.

v. **Emmanuel Falzon vs Pietru Pawl Busuttil noe et**[11] – TTZ (YMS) deċiża 1 ta' Novembru, 2012. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti fittex lill-intimati ghall-hsarat li huwa sofra fil-vettura tieghu minhabba hsara fi triq. It-Tribunal sab lill-intimati responsabbli ghal dawn il-hsarat sofferti fil-vettura tar-rikorrenti[12]. Appellata.

vi. **Kevin Micallef vs GasanMamo Insurance Limited et**[13] – Qorti tal-Magistrati (Malta) (CSH) deċiża 14 ta' Novembru, 2012. Dan kien kaz ta' vettura ipparkjata li ntlaqtet minn vettura li kienet qeghda tinstaq. Il-Qorti iddeklinat milli tiddeċiedi dan il-kaz l-ghaliex ma kellhiex gurisdizzjoni[14]. Appellata.

---

[8] Talba Nru. 33/2012
[9] Ghad jista jsir appell mis-sentenza finali fuq dan il-punt ukoll.
[10] Talba Nru. 332/2012
[11] Talba Nru. 345/2010
[12] Ara f'dan is-sens **Anthony Mercieca vs Kunsill Lokali Zebbug Ghawdex** – TTZ (GB) deċiża fit-18 ta' Mejju, 2012 – Talba Nru. 34/2010 u **Quentin Tanti vs L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta** – TTZ (GB) deċiża fis-27 ta' Jannar, 2012 (Talba Nru. 70/2007).
[13] Avviz Nru. 357/2011
[14] B'mod kuntrarju, fis-sentenza **Raymond Buttigieg vs Roderick Farrugia** – TTZ (VGD) deċiża fl-24 ta' Frar, 2012 (Talba Nru. 341/2010) gie deċiż li t-Tribunal ghandu ġurisdizzjoni.

vii. **Fogg Insurance Agencies Limited vs Anthony Agius et**[15] – TTZ (GB) deċiża 9 ta' Novembru, 2012. Is-socjeta rikorrenti fittxet lill-intimati ghal hlas ta' *claim* li huma ma ghamlux meta effettivament kellhom jaghmlu l-istess *claim*. Sadanitant kienet lehqet inghatat deċiżjoni mic- Centru Malti ghall-Arbitragg fuq ir-responsabbilita dwar l-incident awtomobilistiku li kien sehh bejn il-vettura ta' l-intimat u terzi. It-Tribunal qal li ghandu kompetenza li jiddeċiedi dwar dan il-kaz[16].

viii. **Fogg Insurance Agencies Limited vs Joseph Aquilina**[17] – TTZ (GB) deċiża fit-30 ta' Marzu, 2012. Is-socjeta rikorrenti fittxet lill-intimati ghall-hlas tad-danni minnha sofferti meta hija kellha thallas ghal hsarat li soffriet vettura ta' terzi f'incident awtomobilistiku wara deċiżjoni mic-Centru Malti ghall-Arbitragg. L-intimat kellhu ghoxrin sena u allura ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni fuq din il-vettura. Ghalhekk is-socjeta rikorrenti qalet li inkissru l-kundizzjonijiet u t-termini tal-polza ta' l-assikurazzjoni. It-Tribunal sab lill-intimat hati ta' dan il-ksur u ordnalu jhallas id-danni lis-socjeta rikorrenti. Appellata.

ix. **Fogg Insurance Agencies Limited et vs Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Gzira**[18] – Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri (RCP) deċiża 16 ta' Ottubru, 2012. Is-socjeta rikorrenti fittxet lill-Kunsill intimat ghad-danni u dan peress li sehh inċident bejn żewġ vetturi, ghal liema inċident kien jahti l-istess Kunsill intimat peress li ma hax hsieb jaghmel senjaletika fit-toroq li huwa kien responsabbli minnhom. Il-Qorti ta' l-Appell qalet li l-Qrati ordinarji ma ghandhomx ġurisdizzjoni f'dan il-kaz.

x. **Joseph Ciscaldi noe vs Nicholas Camilleri**[19] – Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) (RCP) deċiża 19 ta' April, 2012. L-intimat kien kera karozza minghand ir-rikorrenti u

---

[15] Talba Nru. 51/2011

[16] Ara ukoll f'dan is-sens **Fogg Insurance Agencies Limited vs Angelo Tanti** – TTZ (VG) deċiża fis-6 ta' Gunju, 2012 – Talba Nru. 557/2011 u **MiddleSea Insurance p.l.c. vs Clayton Portelli et** – TTZ (GB) deċiża fit-28 ta' Ottubru, 2010 (Talba Nru. 403/2010);

[17] Talba Nru. 1718/2010;

[18] Appell Nru. 411/2011;

[19] Appell Nru. 40/2011;

waqt li din kienet fil-pussess tieghu u kien qieghed isuqha, ikkawzalha l-hsarat. Il-Qorti ta' l-Appell qalet li l-Qrati ordinarji ma ghandhomx ġurisdizzjoni f'dan il-kaz.

xi. **Fogg Insurance Agencies Limited vs Silvio Attard[20] –** TTZ (VGD) deċiża fl-24 ta' Frar, 2012. L-intimat b'atti dolużi ghamel hsarat fuq vettura li kienet miexja. It-Tribunal qal li huwa ghandu ġurisdizzjoni biex jisma l-kaz. Din is-sentenza preliminari ma hijiex appellata[21].

xii. **MiddleSea Insurance p.l.c. et vs Gevimida Limited**[22] – Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) (PS) deċiża fit-23 ta' Ottubru, 2009. Din il-kawza kienet tikkonċerna kollass ta' hajt fuq vettura pparkeggjata. Il-Qorti ta' l-Appell qalet li c-Centru Malti ghall-Arbitragg mhux kompetenti, iżda hija l-Qorti Ordinarja li hija kompetenti.

9. F'aktar dettal, u fiz-zewg sentenzi l-aktar li jiġu citati f'dawn it-tip ta' kawżi:

a) Fis-sentenza **Middlesea Insurance plc et vs Gevimida Limited**, fuq citata, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk:

"3. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-ligi kif inhi, rettament interpretata, ma ssostnix il-pretensjoni ta' l-appellanti. Ictu oculi, mill-istess intestazzjoni tas-subaragrafu 1.2, il-kontroversja li l-legislatur jirrizerva b'mod mandatorju lill-Arbitragg huma dawk li ghandhom rapport kazwali ma' incidenti ta' traffiku li jikkagunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjeta minn vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess incident stradali. Il-kaz tat-tigrif ta' hajt fuq vettura stazzjonarja minghajr dik il-konnessjoni mhix wiehed minn dawn. Sewwa ghalhekk irraguna t-Tribunal illi **<u>dak ikkontemplat mill-ligi hija</u> <u>hsara kagonata bl-intervent ta' vettura</u> <u>u mhux hsara li tista ssehh fuq vettura, hi x'inhi l-fonti taghha</u>**" (sottolinejar u enfazi tat-Tribunal).

---

[20] Talba Nru. 662/2010;

[21] Ghad jista jsir appell mis-sentenza finali fuq dan il-punt ukoll.

[22] Appell Nru. 13/2009;

b) Fil-kawza **Joseph Ciscaldi noe vs Nicholas Camilleri**, fuq citata, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), kif diversament ippreseduta, qalet hekk:

"Illi din il-Qorti thoss li l-kliem tal-Ligi huwa car fis-sens li **fejn hemm hsara fuq proprjeta li tikkonsisti f'vettura u liema hsara qed jigi allegat li giet ikkawzata involontarjament mela allura tali mertu huwa suggett ghall-arbitragg mandatarju** skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1.2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap. 387 **u dan stante li tali disposizzjonijiet mhux limitati biss ghall-hsara ikkawzata fil-vetturi kawza ta' kollizzjoni bejn tnejn jew aktar**, li huwa kopert bl-artikolu 1.2 (a) tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap. 387, **izda wkoll ghall-hsara fil-proprjeta li tikkonsisti f'vettura mbasta kkawzata b'mod involontarju** u dan kif indikat proprju fl-artikolu 1.2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap. 387 (sottolinejar u enfazi tat-Tribunal).

Illi ghal din il-Qorti l-kliem stess tal-Ligi huwa car fih innifsu u ma hemmx bzonn li tirreferi ghal xi att iehor hlief il-ligi stess u la darba l-kliem stess huwa car, mela allura ghandha tittiehed fis-sinifikat naturali taghha ut sic u xejn izjed. Ma hemmx dubju li **fl-imsemmi artikolu 1.2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap. 387 ma hemmx riferenza ghall-kollizzjoni bejn zewg vetturi (kif hemm fl-artikolu 1.2 (a) u kull ma jirreferi l-imsemmi artikolu huwa li bizzejjed ikun hemm hsara fi proprjeta li tikkonsisti f'vettura – l-element ta' kollizzjoni bejn vetturi mhux rikjest f'dan is-subartikolu, u ghalhekk hemm distinzjoni bejn l-artikolu 1.2 (a) u (b) tal-imsemmija Skeda**" (sottolinejar u enfazi tat-Tribunal).

10. Il-punt li ghandu jigi dibattut mit-Tribunal huwa jekk hu ghandux il-gurisdizzjoni li jisma u jiddeciedi dan il-kaz invista ta' dak li jghid il-Kapitolu 387 u cioe l-Att dwar l-Arbitragg.

11. Il-fatti ta' dan il-kaz odjern, skond ma jirriżultaw sa issa huma li:

i. Ir-rikorrenti Gilbert Caruana kien qieghed isuq il-vettura tieghu ġewwa Haz-Zebbug;

ii. Waqt li r-rikorrenti kien qieghed isuq il-vettura tieghu, l-intimat laqtu biz-ziemel tieghu u kkagunalu l-hsara fil-vettura tieghu;

12. Minn qari tal-gurisprudenza fuq riportata t-Tribunal jasal ghas-segwenti konklużjoni:

i. Il-kawza ta' l-incident awtomobilistiku x'kien? Meta inċident ikun sehh minhabba xi haġa li ma jkollhiex x'taqsam mas-sewqan, allura jkunu kompetenti l-Qrati Ordinarji. Il-kawza ta' l-incident ma jkunx is-sewqan u allura wiehed jista jghid li l-kawza ghal tali inċident ma hijiex relatata mas-sewqan.

ii. Il-kawza ta' l-incident awtomobilistiku x'kien? Meta inċident ikun sehh minhabba xi haġa relatat mas-sewqan, allura dak l-incident ikun relatat mas-sewqan u b'hekk ikun ic-Centru Malti ghall-Arbitragg li jkun kompetenti.

13. Illi hija l-fehma konsiderata tat-Tribunal li f'dan il-kaz, il-posizzjoni korretta u applikabbli hija dik mehuda mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **Ciscaldi noe vs Camilleri** fuq citatat.

14. F'dan il-kaz kellna żiemel bis-serkin li kien qieghed jinstaq fit-triq, liema żiemel, qeghdin jghidu r-rikorrenti, ikkawża l-inċident mertu tal-kaz odjern.

15. Fl-artikolu 1.2(b) tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-Kap. 387 ma hemm ebda rekwizit li sabiex hsara fil-vettura taqa taht ir-regim ta' arbitragg mandatarju hemm bzonn li jkun hemm kollizzjoni jew involviment ta' zewg vetturi, u li l-hsara kkawzata fil-vettura tkun rizultat ta' impatt ma vettura ohra.

16. It-Tribunal jaghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija minn dan it-Tribunal kif diversament ppresedut fl-ismijiet **Thomas Smith Insurance Agency Limited noe**

**vs. Mario Borg et**, moghtija fid-9 ta’ Lulju, 2008. Skond din id-decizjoni:

“... *l-iskeda msemmija hija cara u bejn is-sub-inciz (a) u s-sub-inciz (b) taghmel appuntu din id-distinzjoni.*

*Minn naha l-wahda l-iskeda titkellem fuq kollizjoni bejn vetturi (1.2(a)) u minn naha l-ohra titkellem dwar hsara involontarja ohra li pero tinvolvi l-vetturi (1.2(b)) – u minkejja din id-distinzjoni, l-iskeda tpoggi, fil-parametri hemmhekk msemmija, l-obbligu tal-gurisdizzjoni fuq l-Arbitragg fi kwalunkwe miz-zewg kazijiet. F’dan il-kaz, il-gurisdizzjoni ta’ l-Arbitragg hija esklussiva u kwistjonijiet li jaqghu taht kwalsiasi mis-sub-incizi msemmija ghandhom jigu determinati mill-Arbitragg.*

*Il-kwistjoni dwar jekk il-vetturi humiex in motion jew le mhix importanti. L-importanti huwa illi sakemm si tratta ta’ hsara fuq vettura u ma tinvolvix ukoll hsara fil-persuna u taqa fil-limitu ta’ €11,646.87, allura l-gurisdizzjoni tat-tilwima taqa fil-kompetenza esklussiva ta’ l-arbitragg*”.

17. Ghalhekk, din il-kwistjoni odjerna kellha tigi ntavolata fic-Centru Malti ghall-Arbitragg ai termini tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-kawza odjerna ma taqax fil-gurisdizzjoni tieghu u ghalhekk jiddikjara li huwa ma hux kompetenti *rationae materiae* sabiex jiehu konjizzjoni tal-kawza. Konsegwentement qed jillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------